# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 17**
**Rikors Guramentat Numru : 748/2015/LSO**

**John Farrugia (12473M), Carmen Fsadni (636749M), Annie sive Anna Abela (925550M), Mary Grace Aquilina (655061M), Josephine Ann sive Josianne Fiteni (489169M), Joanne Elich (441374M), Tania Lorraine Galea (245883M), Jacqueline Abela (440589M), John Abela (393540M), Mary Rose Axiaq (50367M), Susan Farrugia (364473M), Joseph Abela**

**(79770M) u Kevin Abela (146976M)**

**vs**

**Paul Farrugia (274453M)**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf ta’ John Farrugia, Carmen Fsadni, Annie sive Anna Abela, Mary Grace Aquilina, Josephine Ann sive Josianne Fiteni, Joanne Elich, Tania Lorraine Galea, Jacqueline Abela, John Abela, Mary Rose Axiaq, Susan Farrugia, Joseph Abela u Kevin Abela, datat 5 ta’ Awwissu 2015 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu John Farrugia (12473M) ikkonferma li jaf personalment :

Illi l-kontendenti huma Ikoll werrieta tal-mejtin Lorenzo Farrugia u Francesca Farrugia li mietu fit-3 ta' Mejju 1983 u fil-15 ta' Mejju 1995 rispettivament.

Illi l-kontendenti bi qbil bejniethom diga` qasmu l-parti l-kbira tal-gid porvenjenti lilhom mill-imsemmi wirt.

Illi pero` l-kontendenti ghadhom izommu komuni bejniethom tliet porzjonijiet divizi ta' art kollha msejha "Tal-Qattus” maghrufa wkoll bhala "Tal-Gewwenija”, jinsabu

gewwa Hal-Ghaxaq tal-kejl komplessiv bejniethom ta' cirka tomna u nofs, kif ukoll porzjon ta' art ohra maghrufa bhala "It-Tomna" fıl-kontrada tal-Hareb, accessibbli minn sqaq pubbliku li jizbokka fi Triq il-Hareb, Hal-Ghaxaq, tal-kejl ta' cirka tomna.

Illi ftit wara li mietet l-imsemmija Frarcesca Farrugia, il-kontendenti inkarigaw flimkien lill-Perit Marvin Ellul u s-Surveyor Vince Camilleri, li ppreparaw pjan ta' qasma li sussegwentement gie accettat minnhom. II-kontendenti tellghu l-polza bejniethom u qablu dwar dik il-porzjoni ta' art li messet lil kull wiehed u wahda minnhom.

Illi minn dak iz-zmien, il-kontendenti kollha bdew jokkupaw dik il-porzjoni mill-artijiet li messithom bil-polza u ghadhom jokkupawha separatament sal-lum.

Illi l-intimat Paul Farrugia wkoll okkupa b'mod esklussiv il-porzjoni li messet lilu, izda minkejja dan, irrifjuta u ghadu qed jirrifjuta minghajr ebda raguni valida, li jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni skont il-qasma miftehma u approvata mill-kontendenti kollha.

Illi ghalhekk l-esponenti resqu ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt dikjaratorju sabiex flimkien jiddikjaraw u jikkonfermaw quddiem nutar pubbliku kif qasmu u okkupaw separatament l-porzjonijiet ta' art li messhom u r-ragunijiet ghaliex qatt ma setghu jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma relattiv.

Illi minkejja li l-intimat gie repetutament interpellat sabiex jersaq ghall-kuntratt ta’ divizjoni u qasma, huwa baqa' jirrifjuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw mehtiega fit-trattazjoni ta’ din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorbabli Qorti joghgobha:

1. Tordna li ssir tal-artijiet hawn fuq deskritti msejha "Tal-Qattus" u 'It-tomna skont il-pjanti u s-*surveys* tal-qasma mhejjija mill-Perit Marvin Ellul u s-Surveyor Vince Camilleri u kif gia' mtella bil-polza bejn il-kontendenti;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-intimat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma kif ga inghad;

3. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att tad-divizjoni fil-gurnata, hin u lok li jigi minnha stabbilit, u kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' divizjoni.

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-30 ta' Mejju 2014, u l-ispejjez tal-Perit inkarigat mill-kontendenti, kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Novembru 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Paul Farrugia (ID274453M) datata 3 ta' Settembru 2015 (fol 18) fejn bil-gurament tieghu kkonferma :

1. Illi primarjament, l-esponenti jirrileva li huwa dejjem kien propens sabiex jaddivjeni ghal pjan ta' qasma ta' l-artijiet maghrufa bhala “Tal-Qattus" u "It-Tomna", u ma huwiex minnu li huwa ma kkoperax ghal tali qasma.

2. Illi *di piu`* u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti ma inghatax kopja tal-pjanti u s-*surveys* tal-qasma mhejjija mill-Perit Marvin Ellul, u s-*surveyor* Vince Camilleri, u kien biss permezz ta' din l-istanza li huwa gie a konjizzjoni ta' tali dokumentazzjoni.

3. Illi *in vista* tal-premess, *stante* li l-esponenti dejjem kien propens sabiex jaddivjeni ghal tali qasma huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 21 ta' Mejju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Cherrett ghall-konvenut irrimettiet ruhha ghar-rapport. Dr Alessandro Lia ghall-atturi kollha filwaqt li qabel li din il-kawza ghandha tithalla ghas-sentenza ssottometta biss illi *in vista* tax-xhieda prodotta, tar-rapport tal-Perit Tekniku, u tal-eccezzjonijiet tal-intimat, liema eccezzjonijiet wasslu

ghall-intavolar inevitabbli ta' din il-kawza, l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu akkollati interament fil-konfront tal-intimat. Dr Cherrett irrimettiet ruhha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Permezz ta' dan il-kaz, qed jigi mitlub li ssir il-qasma tal-artijiet deskritti "Tal-Qattus" u "It-Tomna" skont il-pjanti u s-*surveys* tal-qasma imhejjija mill-Perit Marvin Ellul u s-*surveyor* Vince Camilleri. L-intimat irribatta billi sostna li hu dejjem kien propens biex jaddivejni ghall-pjan ta' qasma, b'hekk m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dan il-kaz. *Di piu`*, gie eccepit, li kien permezz ta' din l-istanza li gie a konjizzjoni tal-pjanti u *surveys* tal-qasma imhejjija mill-Perit Marvin Ellul u mis-*surveyor* Vince Camilleri peress li ma nghatax dan qabel.

### Fatti:

Illi l-kontendenti huma lkoll werrieta tad-defunti Lorenzo Farrugia u Francesco Farrugia li mietu rispettivament fit-3 ta' Mejju 1983 u fil-15 ta' Mejju 1995. Il-partijiet ghadhom izommu komuni bejniethom porzjonijiet divizi ta' art "Tal-Qattus" f'Hal-Ghaxaq u porzjon art maghrufa bhala "It-Tomna" fil-kontrada tal-Hareb, accessibbli minn sqaq pubbliku li jizbokka fi Triq il-Hareb f'Hal Ghaxaq. Mill-atti jirrizulta li gie inkarigat il-Perit Marvin Ellul u s-*surveyor* Vince Camilleri, li hejjew pjan ta' qasma. Illi kienu ttellghu l-

porzjonijiet tal-*plots* bil-polza u l-partijiet bdew jokkupaw il-parti li messet lilhom. Izda, minhabba nuqqas ta' qbil, ma setghux jghaddu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' divizjoni, b'hekk ir-rikorrenti pprocedew bil-kaz odjern.

**Provi:**

**John Farrugia** xehed permezz ta' affidavit a fol 34-35, u (fol 77-79)[1] li kellu bicca art f'Hal Ghaxaq li tinsab fi tliet bicciet u wara l-mewt tan-nanna taghhom ftehmu biex isir *survey* tal-art sabiex issir il-qasma u jtellghu l-ishma bil-polza. Semma li kienu marru ghand nutar biex issir il-qasma izda l-qasma baqghet ma saritx, u wara hmistax-il sena ftehmu li jergghu iqabbdu *surveyor* iehor. Ghal dan il-ghan tqabbad Vince Camilleri, u dan sab li kien hemm triq skedata, u sussegwentement sar tentattiv iehor ghal ftehim biex tinqasam l-art ma rnexxiex. Wara tentattiv iehor ghal ftehim, l-intimat kien rega' qajjem diffikolta' u ma ffirmax il-kuntratt ta' divizjoni, ghalhekk ipprocedew bil-kaz odjern.

Spjega li wara li ttelgghet il-polza l-intimat kien mar u okkupa l-art, u rigward l-art Tat-Tomna, s-*surveyor* kien ghamel is-sinjali bil-hamrija, l-intimat kien kuntent b'din il-qasma, izda lin-nutar qallu li ried li tissolva l-qasma tal-art l-ohra, b'hekk eventwalment baqghet ma saritx il-qasma. B'referenza ghall-ghalqa Tat-Tomna qal m'hemmx kwistjonijiet mal-intimat u kien hemm qbil izda l-kuntratt baqa' ma sarx.

Dwar l-art "Tal-Qattus" l-intimat ha porzjon Plot 1 bil-polza li kienu tellghu. Semma wkoll li meta kienu ltaqghu ghand

[1] Seduta tal-1 ta' Marzu 2016.

in-nutar Debono Hal Luqa, l-intimat ried li jibdew mill-art tat-Tomna u hu ried li jitkellmu fuq l-art li ma kienx hemm qbil fuqha u mbaghad l-intimat kien telaq ‘il barra.

**John Abela** f’affidavit a fol 36, ikkonferma x-xhieda ta’ John Farrugia, u qal li hu r-ragel tad-defunta Mary Abela u missier l-erba’ werrieta Mary Rose Axiaq, Kevin Abela, Joseph Abela u Susan Farrugia.

**Carmen Fsadni** f’affidavit a fol 37, ikkonfermat ix-xhieda ta’ John Farrugia u qalet li hi bint Lorenzo u Francesca Farrugia.

**Carmel Fsadn**i f’affidavit a fol 38, ikkonferma x-xhieda ta’ John Farrugia, qal li hu r-ragel ta’ Carmen Fsadni u kien jakkumpanja lil martu f’laqghat rigwardanti din il-qasma.

**Josephine Ann Fiteni** ikkonfermat ix-xhieda ta’ John Farrugia u qalet li hi bint id-defunt Anthony Farrugia.

**Lorraine Galea** f’affidavit a fol 39, kkonfermat l-affidavit ta’ John Farrugia, u qalet li hi bint id-defunta Josephine Abela.

**Paul Farrugia** xehed (fol 80-81; fol 83-84; fol 90-91)[2] qal li hu kellu sehmu fl-ghalqa Tal-Qattus, u qabel telghet il-polza kien hemm ftehim li t-triq tidjieq minn 34 sa 28 pied. Spjega li kellu l-*plot* numru wiehed, u kien kuntent b’sehmu. Semma li hutu kellhom minn *plots* 2 sa 6, u kienu telghu bil-polza ghoxrin sena ilu. Qal li ma kienx se jiffirma l-kuntratt ta’ qasma jekk il-kwistjoni tat-triq ma tigix

[2] Seduta tas-27 ta’ April 2016; Seduta tat-2 ta’ Gunju 2016; Seduta tal-1 ta’ Dicembru 2016.

irrangata u fil-fatt ghalkemm kienu marru ghand in-nutar, il-kuntratt ta' divizjoni ma giex iffirmat. B'referenza ghall-art Tat-Tomna qal li hu kien qabel mal-qasma izda baqa' ma sarx il-kuntratt ta' qasma.

Hu kkonferma li hu kien irrifjuta li jiffirma l-kuntratt ta' divizjoni ghand in-nutar ta' Hal Luqa snin ilu. Kompla jghid, li fl-2014, ma riedx imur ghand in-nutar ghax il-pjanta ma kinitx skont il-ftehim li kien sar fuqha. Dwar l-ghalqa "Tat-Tomna" hemm ftehim li din tinqasam kif qeghda fuq il-pjanta, izda dwar l-ghalqa "Tal-Qattus" saret pjanta fl-1996, izda sussegwentement minhabba dizgwid, ma ftehmux u b'hekk ma ffirmawx.

**Mary Grace Aquilina** xehdet (fol 86-87)[3] u qalet li hi ghandha sehem wiehed minn sebgha, u lilha kien messha n-numru hamsa u hi kuntenta b'dak is-sehem, l-intimat kellu l-plot numru 1 li jinkludi razzett u l-polza kienet telghet madwar ghoxrin sena ilu.

**Annie Abela** xehdet (fol 87)[4] u qalet li Mary Grace tigi ohtha.

**Patrick Farrugia** xehed (fol 93-96)[5] li hu kien iben l-intimat Paul Farrugia u fis-sena 1996 kienet saret pjan ta' qasma. Spjega li hu kien qal lil John Farrugia li lest jiffirma jekk it-toroq jinfethu. Izda dan qal li kien hemm problema ghax it-triq djieqet, ghalhekk it-triq kienet ser tghaddi minn go l-art taghhom. Zied ighid li meta saret pjanta ohra mill-Perit

[3] Seduta tat-2 ta' Gunju 2016.
[4] Seduta tat-2 ta' Gunju 2016.
[5] Seduta tal-1 ta' Frar 2017.

Marvin Ellul, raw li l-*plots* qsaru minbarra dik ta' John Farrugia u John Abela, u ma kienx hemm qbil ghax ma ridux jidhlu fi spejjez biex issir applikazzjoni biex tidjieq it-triq. Dwar l-art Tat-Tomna qal li ma kienx hemm problema dwar il-qasma. Qal li meta marru ghand il-Perit Buhagiar ghall-pjanta, il-kont kellu jinqasam bejn sebgha izda inqasam bejn sitta peress li John Abela ma riedx ihallas. Ghall-ftehim tas-sena 1996 qal li hu ma kienx prezenti.

**Lawrence Farrugia** xehed (fol 98-100)[6] qal li hu iben l-intimat, qal li kien jaf li wiehed min-neputijiet tal-girien kien oggezzjona li tidjieq it-triq filwaqt li l-ohrajn kienu qablu li tidjieq it-triq sa 28 pied, u l-Perit Charles Buhagiar ghamel pjanta izda l-applikazzjoni ma saritx ghax ir-rikorrent ma riedx jaghmel spejjez. Spjega li missieru kien ghalaq it-triq skont il-ftehim li kien sar fis-sena 1996, fejn anke s-*surveyor* kien immarka l-qasma bejn il-*plots* u l-linja tat-triq bil-wisgha ta' 28 pied.

**Il-Perit Charles Buhagiar** xehed (fol 103)[7] li jaghraf fil-pjanti murija bhala mahrugin mill-ufficju tieghu izda ma jiftakarx min kien inkarigah.

**Il-Perit Marvin Ellul** (fol 105-106)[8] xehed li John Farrugia kien inkarigah biex jaghmel qasma tal-art fuq *survey* ta' Vincent Camilleri u hejja pjanta bil-qasma. Qal li ma kienx kellem lill-intimat rigward dan.

[6] Seduta tas-16 ta' Marzu 2017.
[7] Seduta tat-28 ta' Gunju 2017.
[8] Seduta tal-10 ta' Lulju 2017.

**Rapport tal-Perit Tekniku**

B'digriet ta' din il-Qorti, tat-12 ta' Ottubru 2017 gie nominat il-Perit Alan Saliba bhala perit arkitett (fol 113). Madanakollu l-Qorti kellha tissostitwixxih bil-Perit Godwin Abela billi l-Perit Saliba assuma kariga pubblika (fol 113). Ir-rapport tal-Perit Abela jinsab esebit a fol 123 *et sequens* tal-process.

Illi ikkonsidra: (para 6.01 - 6.04 tar-rapport)

**1. Art It-Tomna :** Ikkunsidra li hemm qbil dwar il-qasma tal-art maghrufa bhala It-Tomna li tinsab fil-limiti ta' Hal Ghaxaq, kkonkluda li l-qasma tal-art imsemmija it-Tomna, ghandha ssir skont kif muri a fol 25 sa 27 tal-process.

**2.** Gie kkunsidrat ukoll, li l-art f'forma triangolari li tinsab murja ghandha tinqasam kif jidher a fol 32 tal-process.

**3. Tal-Qattus :** Gie kkunsidrat ukoll, li l-problema tqajmet dwar l-art Tal-Qattus, minhabba li tinsab f'zona tal-izvilupp u ghaddejja triq. Izda, gie kkonstatat li immaterjali minn kemm ghandha tkun wiesgha t-triq, il-*plots* kollha jitnaqsilhom bl-istess ammont u l-parti ta` bejn il-kontendenti tibqa'.

In segwitu, il-Perit Tekniku wasal ghall-konkluzjonijiet segwenti:

1. Illi dwar l-ewwel talba attrici, jirrizulta mill-provi u dokumenti mressqin, ghal dak li jirrigwarda l-art maghrufa

bhala "Tal-Qattus", li hemm qbil bejn il-partijiet kollha dwar il-porzjonijiet kif originarjament maqsumin meta ttellghet il-polza fis-sena 1996, ma hemm ebda impediment biex ma jsirx il-kuntratt tal-qasma.

2. Illi dwar l-art "Tal-Qattus", kif jirrizulta mill-provi mressqin u mill-konsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, ma hemm ebda raguni ghaliex il-wisgha tat-triq progettata ghandha timpedixxi l-qasma meta l-porzjonijiet se jibqghu proporzjonalment l-istess, tkun xi tkun il-wisgha tat-triq.

3. Illi dwar l-art "Tal-Qattus", il-wisgha tat-triq progettata mhix ser tkun determinata jew wisq anqas deciza mill-partijiet fil-kawza, imma mill-awtoritajiet koncernati b'tali xoghlijiet.

4. Illi dwar l-art f'forma triangolari, jirrizulta mill-provi mressqin li ma hemm ebda impediment biex din tinqasam kif originarjament miftiehem bejn il-kontendenti kollha.

5. Illi dwar l-art maghrufa bhala "It-Tomna", jirrizulta mill-provi mressqin li ma hemm ebda impediment biex din tinqasam kif originarjament miftiehem bejn il-kontendenti kollha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' Dritt:**

L-azzjoni odjerna tikkontempla d-divizjoni ta' art provenjenti minn eredita` tad-defunti Lorenzo Farrugia u Francesca Farrugia. Huwa principju stabbilit li kull wiehed mill-

komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu ta' gid in natura skont l-artikolu 502 tal-Kap 16. Ghalhekk, kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu l-jedd jippartecipa fil-qasma tal-eredita` fl-interezza taghha.

Illi tajjeb li din il-Qorti tenunzja l-principji li jirregolaw l-istitut ta' divizjoni.

Fost il-principji li ssawru dwar id-divizjoni tal-gid komuni. hemm il-principju assodat li kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jedd jiehu s-sehem tieghu tal-beni indivizi in natura. **(artikolu 502 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** u l-bejgh in licitazzjoni huwa rimedju eccezzjonali ghal din ir-regola.[9] Inoltre`, hadd ma jista' jigi mgieghel li jibqa' jzomm haga in komun ma' haddiehor. (**Artikolu 496 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Il-Qorti ghandha tinvestiga jekk il-beni indivizi huma komodament divizibbli. F'dan l-ezercizzju, l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni li tordna ekwiparazzjoni fi flus, jew anke bl-imposizzjoni ta' renta, fejn l-ishma ma jirrizultawx indaqs. (**artikoli 505 u 506 tal-Kap 16**).

Fil-kaz **"Giuseppe Zammit vs Ludgarda Grech"** P.A.- 8 ta' Marzu 1983 intqal:

"*Meta beni komuni jistghu jigu divizi bejn il-komproprjetarji, it-terminazzjoni tal-komunjoni ghandha ssir bil-mezz ta'*

[9] Ara ad ez. Sentenza tat-22 ta' Dicembru, 1948, moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Nazzareno Xuereb vs Giovanni Dimech et"** citata b'approvazzjoni fis-sentenza tal-On. Qorti ta' l-Appell fil-kaz "**Nicholas Jensen Testaferrata pro et noe vs In-Nobbli Anna Maria Spiteri Debono pro et noe**. et – dec.fid-29 ta' April 2005; App Civ:5.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet **Baldacchino et vs Baldacchino** (Koll.Vol:XXXVIII.105) u P.A. 2.3.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Fleri vs Portelli** (kollez. Vol.XlIII.ii.657)

*divizjoni. Jekk il-beni in komuni ma jistghux jigu maqsuma komodament u bla diskapitu, dawn il-beni ghandhom jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."*

Illi fil-kaz in ezami, wara l-prezentata tar-rapport peritali, jirrizulta, li hemm qbil bejn il-partijiet kollha dwar id-divizjoni kif proposta rigward l-art maghrufa bl-isem It-Tomna u li kienu gja jokkupaw sehem diviz mill-artijiet mertu ta' din il-kawza bi ftehim bejniethom, u skont il-pjan ta' qasma li kien hejja il-perit Marvin Ellul u s-*surveyor* Vince Camilleri.

Ikkunsidrat, li l-avukati difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rapport tal-Perit Godwin Abela.

Ghalhekk, fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt. U ghandhom jigu milqugha.

Referibbilment ghall-eccezzjoni tal-intimat rigward l-ispejjez, jigi osservat, li l-intimat stess ikkonferma fix-xhieda tieghu, li hu ma kienx ser jiffirma l-kuntratt jekk ma tigix irrangata l-kwistjoni tat-triq kif ukoll li hu kien irrifjuta li jiffirma l-kuntratt ta' divizjoni ghand in-nutar snin ilu. Kompla jghid, li fl-2014, ma riedx imur ghand in-nutar ghax il-pjanta ma kinitx skont il-ftehim li kien sar fuqha.

Fid-dawl ta' dan, ma jistghux jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-intimat fejn sostna li hu kien lest li jaddivjeni ghall-kuntratt. Fil-fatt huwa kkonferma l-kuntrarju, ghar-ragunijiet li kien hemm dizgwid fuq it-triq fl-art "Tal-Qattus". Difatti dan jinsab ukoll ikkonfermat u korroborat mix-xhieda l-ohra. Ghalhekk, tqies li fic-cirkostanzi, t-talba dwar l-ispejjez hija

gustifikata. Huwa manifest mir-rapport tal-Perit Tekniku li l-pjan imhejji mill-periti nominati bi qbil bejn il-partijiet kellhom jigu addottati u l-kwistjoni tat-triq ma kienetx tipprezenta xi xkiel ghall-iffirmar tad-divizjoni.

Ghaldaqstant ser tordna li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-intimat.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tordna li ssir il-qasma tal-artijiet kif deskritti fir-rapport tal-Perit Godwin Abela, imsejha "Tal-Qattus" u "It-Tomna" skont il-pjanti u s-*surveys* tal-qasma mhejjija mill-Perit Marvin Ellul u s-*Surveyor* Vince Camilleri u kif gia' mtella bil-polza bejn il-kontendenti. Ghal dan l-iskop taddotta r-rapport tal-Perit  Tekniku Godwin Abela esebit a fol 123 sa 131 tal-process, u l-pjanti ta' qasma addottati mill-istess Perit Tekniku fir-rapport tieghu fl-intier tieghu,  liema rapport jitqies li huwa parti integrali ta' din is-sentenza;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat jaddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' qasma, kif hawn fuq imsemmi.

3. Tilqa' t-tielet talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Debono biex jippubblika l-att ta' divizjoni nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru 2019 f'nofsinhar fil-bini tal-Qrati Superjuri ta' Malta u tahtar lill-Avukat Dottor Rose Galea Testaferrata

bhala kuratrici deputata sabiex tirraprezenta l-eventwali kontumaci fl-istess att ta' divizjoni.

**L-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-Periti Teknici u tal-kuratrici nominata, jigu sopportati mill-intimat inkluz dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Mejju 2014, filwaqt li l-ispejjez tal-att notarili ta' divizjoni jithallsu mill-partijiet skont l-ishma rispettivi taghhom.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**